# *FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR*

# *SMALL CLAIMS TRIBUNAL*

### *GUDIKATUR: DR EDWINA GRIMA, LL.D.*

## Seduta ta' nhar it-Tnejn 1 ta' Lulju, 2002

## Numru: 2

## Avviz Nru: 1329/02 EG

**Anthony sive Antoine Vassallo f'ismu u ghad-ditta Antoine Auto Dealer**

**vs**

**Simon Cassar**

## It-Tribunal,

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-23 ta' Mejju, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur proprio et nomine s-somma ta' tlett mija u erbgha u sebghin lira Maltin u hames centezmi (Lm374.05c) rappresentanti l-valur ta' hames kambjalijiet ta' Lm74.81 kull wahda li mmatturaw fl-1 ta' kull xahar bejn Jannar u Mejju 2002, liema kambjali nharrgu minn Simon Cassar favur l-attur proprio et nomine.

Bl-ispejjez legali u gudizzjarji nkluzi l-Mandat ta' Qbid kawtelatorju kontra l-

konvenut u bl-imghaxijiet relattivi mid-data tal-maturita' tal-kambjali sad-data tal-pagament effettiv.

Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa' ma deherx u l-anqas ma pprezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' John Sultana, ghan-nom tal-attur proprio et nomine, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur proprio et nomine s-somma ta' tlett mija u erbgha u sebghin lira Maltin u hames centezmi (Lm374.05c bl-imghaxijiet relattivi mid-data tal-maturita' tal-kambjali sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi tal-Mandat ta' Qbid kawtelatorju ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Edwina Grima**
**Gudikatur**